C/2024/1142

25.1.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.11434 — SILVER LAKE / DIGITALBRIDGE / VANTAGE NA DATA CENTER ASSETS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1142)

1. Fl-10 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Silver Lake Group, L.L.C. ("Silver Lake", l-Istati Uniti),

— DigitalBridge Group, Inc. ("DigitalBridge", l-Istati Uniti),

— Retained Aviator Holdings, LP; Retained Aviator Holdings WA13, LP; Retained Aviator Holdings CA31, LP; Aviator Holdings 1, LP; Aviator Holdings 1 DC, LP; Lower Tier Aviator Holdings, LP; Lower Tier CA31 Holdings, LP; u Lower Tier WA13 Holdings, LP (flimkien il-"Vantage NA Data Center Assets" jew "il-kumpanija fil-mira", l-Istati Uniti), li bħalissa huma kkontrollati b'mod konġunt minn DigitalBridge u mill-Public Sector Pension Investment Board.

Silver Lake u DigitalBridge se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-kumpanija fil-mira.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Silver Lake hija ditta globali tal-investiment fit-teknoloġija. Il-professjonisti tal-investiment ta' Silver Lake jinsabu fl-Amerka ta' Fuq, l-Ewropa u l-Asja u għandhom għarfien espert estensiv dwar l-investiment fit-teknoloġija u l-operat tagħha.

— DigitalBridge hija ditta speċjalizzata tal-investiment fl-infrastruttura diġitali fuq skala globali li tinvesti, direttament kif ukoll permezz tal-fondi ġestiti tagħha u tal-kumpaniji tal-portafoll tagħha f'ħames oqsma ewlenin: (i) iċ-ċentri tad-*data*; (ii) it-torrijiet ċellulari; (iii) in-networks tal-fibra; (iv) iċ-ċelloli żgħar; u (v) l-infrastruttura tal-edge.

— Il-kumpanija fil-mira għandha l-assi li jinkludu l-attivitajiet taċ-Ċentri tad-*Data* ta' Vantage fl-Amerka ta' Fuq. B'mod partikolari, l-kumpanija fil-mira hija s-sid u l-maniġer taċ-ċentri tad-*data* fil-Kanada u fl-Istati Uniti li joffru servizzi ta' kolokazzjoni (eż. il-forniment ta' spazju, network, sigurtà fiżika, eċċ.) għal servers ta' partijiet terzi u hardware ieħor tal-kompjuter maħżun minn partijiet terzi fiċ-ċentru tad-*data*.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) OJ L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11434 — SILVER LAKE / DIGITALBRIDGE / VANTAGE NA DATA CENTER ASSETS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew permezz tal-posta normali. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË